MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 10/2015

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Andrew Refalo u Josephine Refalo**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' APS Bank Limited fejn Josianne Gauci in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti kkonfermat bil-gurament taghha:

1. illi l-intimati Andrew u Josephine Refalo huma debituri tas-socjeta' rikorrenti ghas-somma globali ta' tmienja u tletin elf seba' mija u tmienja u tmenin euro u erbgha u sittin euro centezmi (€38788.64) dovuta minnhom lis-socjeta' rikorrenti u rapprezentanti in kwantu ghall-hamsa u tletin elf, tmien mija u tmienja u sittin euro u sitta u erbghin euro centezmi (€35868.46) bilanc dovut fuq *Loan account* numru tnejn xejn xejn xejn xejn sitta sitta hamsa sebgha xejn sing xejn (2000066570-0) [kopja hawn annessa u mmarkata bhal Dokument A] u in kwantu ghall-elfejn disa' mija u ghoxrin euro u tmintax-il euro centezmu (€2920.18) bilanc dovut fuq l-*Interest Disposal Account* bin-numru tnejn, xejn, xejn, xejn, xejn, disgha, hamsa, hamsa, tnejn, tmienja sing sebgha (2000095528-7) [kopja hawn annessa u mmarkata bhala dokument B] oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-wiehed ta' Lulju 2014 sal-pagament effettiv fuq hamsa u tletin elf tmien mija u tmienja u sittin euro u sitta u erbghin euro centezmi (€35868.46) bilanc dovut fuq *Loan account* numru tnejn xejn xejn xejn xejn sitta sitta hamsa sebgha xejn sing xejn (2000066570-0).

2. illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti u fil-fehma ta' l-istess socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici l-intimati m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont komplessiv.

3. illi ghalkemm l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammont hawn fuq imsemmi lis-socjeta' rikorrenti nkluz b'ittra uffiucjali datata 7 ta' Settembru 2012 [kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C] huma baqghu inadempjenti.

4. illi s-socjeta' rikorrenti qed tintavola Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat.

5. illi r-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

6. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti prevja d-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1. tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma globali ta' tmienja u tletin elf seba' mija u tmienja u tmenin euro u erbgha u sittin euro centezmi (€38,788.64) dovuta minnhom lis-socjeta' rikorrenti u rapprezentanti in kwantu hamsa u tletin elf, tmien mija u tmienja u sittin euro u sitta u erbghin euro centezmi (€35868.46) bilanc dovut fuq *Loan account* numru tnejn xejn xejn xejn xejn sitta sitta hamsa sebgha xejn sing xejn (2000066570-0) u in kwantu ghal elfejn disa' mija u ghoxrin euro u tmintax-il euro centezmu (€2920.18) bilanc dovut fuq *Interest Disposal Account* bin-numru tnejn xejn xejn xejn xejn disgha hamsa hamsa tnejn tmienja sing sebgha (2000095528-7) oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-ewwel ta' Lulju 2014 sal-pagament effettiv fuq hamsa u tletin elf tmien mija u tmienja u sittin euro u sitta u erbghin euro centezmi (€35868.46) bilanc dovut fuq *Loan account* numru tnejn xejn xejn xejn xejn sitta sittta hamsa sebgha xejn sing xejn (2000066570-0).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat u bl-imghax ulterjuri b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettv kontra l-intimati li huma mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tat-12 ta' Marzu, 2015 fid-9.00;

Rat illi l-konvenuti gew debitament notifikati u Andrew Refalo deher personalment ghas-seduta tal-10 t'April 2015 u permezz tal-konsulent legali taghhom, Dr. Jean Paul Grech, il-konvenuti fil-verebal tas-seduta ammettew it-talbiet attrici b'dana li nfurmaw il-Qorti li kienu tkellmu mal-Bank attur u proponew is-segwenti:

'Il-konvenuti qed jobbligaw ruhhom illi l-ammont ta' tletin elf euro (€30,000) jithallas sa mhux aktar tard min-nhar l-Erbgha 15 ta' April 2015, il-bilanc li jibqa' jithallas permezz ta' rati ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun dovut fl-ahhar ta' Mejju 2015'.

Illi l-Bank attur irrileva:

'illi tali ftehim li jilhqu l-partijiet bejniethom jirrigwarda biss il-modalita' tal-pagament li hemm qbil fuqu izda xorta jinsisti li din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza.'

Illi fl-istess verbal il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi stante l-ammissjoni da parti tal-konvenuti t-talbiet attrici jirrizultaw pruvati fl-interita' taghhom.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-Bank attur u dan billi :

(1) Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' t-talba attrici u tiddikjara lill-konvenuti debituri tal-Bank attur fis-somma ta' tmienja u tletin elf, seba' mija u tmienja u tmenin Euro u erbgha u sittin Euro centezmi (€ 38,788.64);

(3) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attur l-ammont ta' tmienja u tletin elf, seba' miija u tmienja u tmenin Euro u erbgha u sittin Euro centezmi (€ 38,788.64);

(4) Bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------